C/2026/6046

18.11.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/6046)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Drôme"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-FR-A1121-AM03 — 27.8.2026

1. **Isem il-prodott**

Drôme

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Franza

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, għas-Settur Agroalimentari u għall-Forestrija, id-Direttorat Ġenerali għall-Prestazzjoni Ekonomika u Ambjentali tal-Intrapriżi

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2024/1143.

L-emendi ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma emendi standard kif definiti fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

L-applikazzjoni għal emenda tal-IĠP ma tinvolvi l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emenda tal-Unjoni; speċifikament:

(a) ma tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew ta' prodotti dežinjati bl-indikazzjoni ġeografika;

(b) ma tirriskjax li tixxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika;

(c) ma tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Għaldaqstant, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni hija għal emenda standard.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Rendiment

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu I tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, it-Taqsima VI "Rendiment massimu", il-korp ta' protezzjoni u ta' ġestjoni talab biex ir-rendiment massimu għall-inbejjed ħomor u rożè jitnaqqas minn 120 għal 100 hl/ha. Ir-rendiment għall-inbejjed bojod inżamm ta' 120 hl/ha.

Meta għamlu din it-talba għal tnaqqis fir-rendiment, l-operaturi kienu qed iwieġbu għall-effetti tat-tibdil fil-klima fuq il-produzzjoni vitikulturali fir-reġjun. Ir-rendimenti massimi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ma għadhomx jikkorrispondu għar-realtà tar-rendimenti fil-prattika, li huma aktar baxxi minħabba l-effetti tan-nixfa. Din hija waħda mill-aktar konsegwenzi rikorrenti tat-tibdil fil-klima f'dan ir-reġjun tax-Xlokk ta' Franza. Il-grupp ta' produtturi xtaq jadatta r-rendiment tad-dwieli għar-realtà fil-prattika sabiex iżomm il-livell tal-kwalità tagħhom.

Din l-emenda tar-rendiment taffettwa d-dokument uniku fit-taqsima "Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid - Rendimenti massimi".

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Korp ta' spezzjoni

Deskrizzjoni

Il-Kapitolu III tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġie emendat biex tiġi ssimplifikata t-taqsima "Korp ta' spezzjoni", li tispeċifika li l-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi vverifikata abbażi ta' pjan ta' kontroll approvat u minn korp ta' parti terza delegat mill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u tal-Kwalità (INAO) u li joffri garanziji ta' kompetenzi, ta' imparzjalità u ta' indipendenza.

Din is-simplifikazzjoni ma taffettwax id-dokument uniku.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Żoni ġeografiċi li fihom iseħħu l-operazzjonijiet

Deskrizzjoni

Il-Kapitolu I tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġie emendat fil-punt 4 — "Żoni ġeografiċi li fihom iseħħu l-operazzjonijiet", il-punt 4.1 — "Żoni ġeografiċi" u l-punt 4.2 — "Żona fil-prossimità immedjata", biż-żieda ta' referenza għall-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024. Dawn iż-żoni jibqgħu l-istess iżda issa huma ppreżentati bħala lista ta' muniċipalitajiet minflok distretti jew cantons.

Din il-korrezzjoni editorjali tippermetti li ż-żoni ġeografiċi jiġu identifikati b'referenza għall-verżjoni tal-2024 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, li jiġi aġġornat mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika u tal-Istudji Ekonomiċi (INSEE), u tagħti ċertezza legali lill-konfini taż-żona ġeografika.

L-istess referenza ddaħħlet fid-dokument uniku taħt l-intestaturi "Żona ġeografika" u "Rekwiżiti oħra — żona fil-prossimità immedjata".

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Tikkettar

Deskrizzjoni

Il-Kapitolu I tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġie emendat fil-punt 5, "Varjetajiet ta' dwieli" sabiex titneħħa r-restrizzjoni fuq it-tikkettar fir-rigward ta' ċerti varjetajiet. Il-korp ta' protezzjoni u ta' ġestjoni jixtieq li jsaħħaħ is-settur tal-inbid varjetali għall-operaturi tiegħu billi jagħti awtorizzazzjoni għall-għeneb kollu fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li għandu jiġi elenkat fuq it-tikketta.

L-istess emenda saret fid-dokument uniku, taħt l-intestatura “Rekwiżiti addizzjonali — Tikkettar”.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Rekwiżit ta’ dikjarazzjoni

Deskrizzjoni

Fil-Kapitolu 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, il-punt 1 — “Rekwiżiti ta’ dikjarazzjoni” ġie emendat sabiex tiżdied id-data tal-31 ta’ Jannar tas-sena ta’ wara l-ħsad bħala l-iskadenza għad-dikjarazzjoni tal-ħsad u/jew għad-dikjarazzjoni tal-produzzjoni. Il-volumi ddikjarati sa dik id-data jikkostitwixxu l-volum massimu eliġibbli għall-IĠP.

Din l-iskadenza għad-dikjarazzjoni tal-ħsad li għandha titqies hija komuni għall-IĠP kollha fir-reġjun u hija maħsuba biex tistabbilizza s-segment tal-IĠP fil-livell reġjonali u tiżgura ċarezza akbar fir-rigward tal-volumi introdotti fis-suq.

Din l-emenda ma taffettwax id-dokument uniku.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Varjetajiet ta’ dwieli

Deskrizzjoni

Il-Kapitolu I tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġie emendat fil-punt 5 “Varjetajiet ta’ dwieli” sabiex l-isem tal-varjetà Rosés du Var Rs jiġi sostitwit bis-sinonimu tiegħu “Rousseli Rs”. Dan tal-aħħar huwa l-isem uffiċjali tal-varjetà, li jidher fil-livell nazzjonali fil-“lista ta’ varjetajiet ta’ għeneb tal-inbid li jistgħu jitħawlu, jiġu mħawla mill-ġdid jew imlaqqma għall-produzzjoni tal-inbid”.

Din l-emenda żdiedet mal-lista ta’ varjetajiet ta’ għeneb tal-inbid fid-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta’ oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

“Drôme”

Numru ta’ referenza tal-UE: PGI-FR-A1121-AM03 — 27.8.2026

1. **Isem/Ismijiet**

Drôme

2. **Tip ta’ indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Franza

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f’konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 — Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta’ prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

5. Inbid spumanti ta’ kwalità

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Inbejjed ħomor, rożè u bojod — Inbejjed bla gass

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

L-inbejjed ħomor għandhom kuluri qawwija li jvarjaw minn aħmar lewn il-lampun għal lewn il-granata.

L-inbejjed rożè għandhom firxa ta' kuluri li jvarjaw minn griż jagħti fir-roża ċar għal ħjiliet aktar qawwija ta' vjoletta-roża.

L-inbejjed bojod għandhom kuluri li jvarjaw minn isfar ċar bi sfumaturi ħodor għal isfar bi sfumaturi dehbin.

Aroma

L-inbejjed ħomor u rożè huma kkaratterizzati minn aromi ta' frott.

L-inbejjed bojod għandhom finezza notevoli b'noti ta' frott u ta' fjuri.

Togħma

L-inbejjed ħomor jistgħu jinxtorbu meta jkunu mhux imqaddmin u friski.

L-inbejjed rożè għandhom bilanċ tajjeb, li jippermettilhom iżommu t-togħma ta' frott tagħhom.

L-inbejjed bojod huma xotti, bi freskezza u b'finezza notevoli, b'noti ta' fjuri.

Fil-każ tal-varjetà Viognier, ġeneralment huma aktar delikati u ħelwin mezzana.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed prodotti huma nbejjed bla gass ħomor, rożè u bojod, ikkaratterizzati minn aromi ta' frott. Dawn l-aromi dejjem huma preżenti, madankollu l-intensità u n-natura tagħhom ivarjaw skont il-varjetajiet u t-teknoloġiji użati.

Il-parti tat-Tramuntana tad-dipartiment hija influwenzata mid-denominazzjoni ta' oriġini protetta Crozes-Hermitage u mill-prodotti tagħha. Hawnhekk, il-varjetajiet uniċi huma l-aktar komuni. L-inbejjed ħomor u rożè huma magħmula fil-biċċa l-kbira mill-varjetajiet Syrah N u Gamay N, u l-inbejjed bojod mill-varjetajiet Marsanne B, Roussanne B u Viognier B.

B'kuntrast, fil-partijiet tan-Nofsinhar u tal-Lvant tad-dipartiment, il-bosta influwenzi klimatiċi u ġeoloġiċi jipprovdu ambjent xieraq għat-tkabbir ta' firxa kbira ta' varjetajiet ta' għeneb. L-inbejjed ħomor u rożè jsiru mill-Grenache N, mill-Merlot N, mis-Syrah N, mill-Cabernet Sauvignon N, mill-Gamay N, mis-Cinsault N jew mill-Carignan N. Il-Marselan N u l-Caladoc N jistgħu jintużaw b'reazzjoni għall-klima Mediterranja. L-inbejjed bojod huma magħmula mill-varjetajiet Chardonnay B, Aligoté B u Viognier B.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	-
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	9
Aċidità totali minima:	-
Unità ta' aċidità totali minima:	-
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	-
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	-

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

—

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbejjed spumanti ta' kwalità, ħomor, rożè u bojod

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

L-inbejjed spumanti jistgħu jiġu prodotti fit-tliet kuluri.

Aroma

L-inbejjed spumanti ta' kwalità għandhom profili aromatiċi qrib ħafna tal-frott.

Togħma

L-inbejjed spumanti ta' kwalità għandhom espressjoni eleganti.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed spumanti ta' kwalità għandhom freskezza pjaċevoli b'aromi ta' frott.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	-
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	-
Aċidità totali minima:	-
Unità ta' aċidità totali minima:	-
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	-
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	-

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

—

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

—

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

Fir-rigward tal-prattiki enoloġiċi speċifiċi, l-inbejjed iridu jikkonformaw mar-regoli tal-UE.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed ħomor u rożè

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	100
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed bojod

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	120
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Abouriou B

— Alicante Henri Bouschet N

— Aligoté B

— Alphonse Lavallée N

— Altesse B

— Aléatico N

— Aramon N

— Aramon Blanc B

— Aramon Gris G

— Aranel B

— Arinarnoa N

— Arriloba B

— Arrufiac B – Arrufiat

— Artaban N

— Aubin B

— Aubun N – Murescola

— Auxerrois B

— Bachet N

— Barbaroux Rs

— Baroque B

— Biancu Gentile B

— Blanc Dame B

— Bouchalès N

— Bouillet N

— Bourboulenc B – Doucillon Blanc

— Brachet N – Braquet

— Brun Fourca N

— Brun Argenté N – Vaccarèse

— Béclan N – Petit Béclan

— Béquignol N

— Cabernet Franc N

— Cabernet Sauvignon N

— Caladoc N

— Calitor N

— Camaralet B

— Carcajolo N

— Carcajolo Blanc B

— Carignan N

— Carignan Blanc B

— Carmenère N

— Castets N

— Chambourcin N

— Chardonnay B

— Chasan B

— Chasselas B

— Chatus N

— Chenanson N

— Chenin B

— Cinsaut N – Cinsault

— Clairette B

— Clairette Rose Rs

— Clarin B

— Claverie B

— Codivarta B

— Colobel N

— Colombard B

— Colombaud B – Bouteillan

— Corbeau N – Douce Noire

— Cot N – Malbec

— Couderc Noir N

— Counoise N

— Courbu B – Gros Courbu

— Courbu Noir N

— Couston N

— Crouchen B – Cruchen

— César N

— Duras N

— Durif N

— Egiodola N

— Ekigaïna N

— Etraire de la Dui N

— Fer N – Fer Servadou, Braucol, Mansois, Pinenc

— Feunate N

— Floreal B

— Florental N

— Folignan B

— Folle Blanche B

— Fuella Nera N

— Furmint B

— Gamaret

— Gamay Fréaux N

— Gamay N

— Gamay de Bouze N

— Gamay de Chaudenay N

— Ganson N

— Garonnet N

— Gascon N

— Genovèse B

— Gewürztraminer Rs

— Goldriesling B

— Gouget N

— Graisse B

— Gramon N

— Grassen N – Grassenc

— Grenache N

— Grenache Blanc B

— Grenache Gris G

— Gringet B

— Grolleau N

— Grolleau Gris G

— Gros Manseng B

— Jacquère B

— Joubertin

— Jurançon Blanc B

— Jurançon Noir N – Dame Noire

— Landal N

— Lauzet B

— Len de l'El B – Loin de l'Oeil

— Liliorila B

— Listan B – Palomino

— Lledoner Pelut N

— Léon Millot N

— Macabeu B – Macabeo

— Mancin N

— Manseng Noir N

— Marsanne B

— Marselan N

— Maréchal Foch N

— Mauzac B

— Mauzac Rose Rs

— Mayorquin B

— Melon B

— Merlot N

— Merlot Blanc B

— Meslier Saint-François B – Gros Meslier

— Meunier N

— Milgranet N

— Molette B

— Mollard N

— Monarch N

— Mondeuse N

— Mondeuse Blanche B

— Monerac N

— Montils B

— Morrastel N – Minustellu, Graciano

— Mourvaison N

— Mourvèdre N – Monastrell

— Mouyssaguès

— Muresconu N – Morescono

— Muscadelle B

— Muscardin N

— Muscaris B

— Muscat Ottonel B — Muscat, Moscato

— Muscat cendré B – Muscat, Moscato

— Muscat d'Alexandrie B — Muscat, Moscato

— Muscat de Hambourg N — Muscat, Moscato

— Muscat à petits grains blancs B — Muscat, Moscato

— Muscat à petits grains roses Rs — Muscat, Moscato

— Muscat à petits grains rouges Rg – Muscat, Moscato

— Mérille N

— Müller-Thurgau B

— Nielluccio N – Nielluciu

— Noir Fleurien N

— Négret de Banhars N

— Négrette N

— Oberlin Noir N

— Ondenc B

— Orbois B

— Pagadebiti B

— Pascal B

— Perdea B

— Persan N

— Petit Courbu B

— Petit Manseng B

— Petit Meslier B

— Petit Verdot N

— Picardan B – Araignan

— Pineau d'Aunis N

— Pinot Blanc B

— Pinot Gris G

— Pinot Noir N

— Piquepoul Blanc B

— Piquepoul Gris G

— Piquepoul Noir N

— Plant de Brunel N

— Plant droit N – Espanenc

— Plantet N

— Portan N

— Portugais Bleu N

— Poulsard N – Ploussard

— Prior N

— Prunelard N

— Raffiat de Moncade B

— Ravat Blanc B

— Rayon d'or B

— Riesling B

— Riminèse B

— Rivairenc N – Aspiran Noir

— Rivairenc Blanc B – Aspiran Blanc

— Rivairenc Gris G – Aspiran Gris

— Romorantin B – Danery

— Roublot B

— Roussanne B

— Rousseli Rs

— Roussette d'Ayze B

— Sacy B

— Saint Côme B

— Saint-Macaire N

— Saint-Pierre Doré B

— Sauvignon B

— Sauvignon Gris G – Fié Gris

— Savagnin Blanc B

— Savagnin Rose Rs

— Sciaccarello N

— Segalin N

— Seinoir N

— Select B

— Semebat N

— Semillon B

— Servanin N

— Seyval B

— Solaris B

— Soreli B

— Souvignier Gris Rs

— Sylvaner B

— Syrah N – Shiraz

— Tannat N

— Tempranillo N

— Terret Blanc B

— Terret Gris G

— Terret Noir N

— Tibouren N

— Tourbat B

— Trousseau N

— Téoulier N

— Ugni Blanc B

— Valdiguié N

— Valérien B

— Varousset N

— Velteliner Rouge Précoce Rs

— Verdesse B

— Vermentino B – Rolle

— Vidoc N

— Villard Blanc B

— Villard Noir N

— Viognier B

— Voltis B

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

Il-ħsad tal-għeneb, il-produzzjoni tal-inbid u l-ipproċessar tal-inbejjed bl-indikazzjoni ġeografika protetta Drôme jseħħu fit-territorju kollu tad-dipartiment ta' Drôme, li jkopri l-muniċipalitajiet li ġejjin f'konformità mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali għall-2024:

DROME (id-dipartiment kollu):

Albon, Aleyrac, Alixan, Allan, Allex, Ambonil, Ancône, Andancette, Anneyron, Aouste-sur-Sye, Arnayon, Arpavon, Arthémonay, Aubenasson, Aubres, Aucelon, Aulan, Aurel, Autichamp, Ballons, Barbières, Barcelonne, Barnave, Barret-de-Lioure, Barsac, Bathernay, La Bâtie-des-Fonds, La Bâtie-Rolland, La Baume-Cornillane, La Baume-de-Transit, La Baume-d'Hostun, Beaufort-sur-Gervanne, Beaumont-en-Diois, Beaumont-lès-Valence, Beaumont-Monteux, Beauregard-Baret, Beaurières, Beausemblant, Beauvallon, Beauvoisin, La Bégude-de-Mazenc, Bellecombe-Tarendol, Bellegarde-en-Diois, Bénivay-Ollon, Bésayes, Bésignan, Bézaudun-sur-Bîne, Bonlieu-sur-Roubion, Bouchet, Boulc, Bourdeaux, Bourg-de-Péage, Bourg-lès-Valence, Bouvante, Bouvières, Bren, Brette, Buis-les-Baronnies, Chabeuil, Chabrillan, Le Chaffal, Chalancon, Le Chalon, Chamaloc, Chamaret, Chanos-Curson, Chantemerle-les-Blés, Chantemerle-lès-Grignan, La Chapelle-en-Vercors, La Charce, Charens, Charmes-sur-l'Herbasse, Charols, Charpey, Chastel-Arnaud, Châteaudouble, Châteauneuf-de-Bordette, Châteauneuf-de-Galaure, Châteauneuf-du-Rhône, Châteauneuf-sur-Isère, Châtillon-en-Diois, Châtillon-Saint-Jean, Chatuzange-le-Goubet, Chaudebonne, La Chaudière, Chauvac-Laux-Montaux, Chavannes, Clansayes, Claveyson, Cléon-d'Andran, Clérieux, Cliousclat, Cobonne, Colonzelle, Combovin, Comps, Condillac, Condorcet, Cornillac, Cornillon-sur-l'Oule, La Coucourde, Crépol, Crest, Crozes-Hermitage, Crupies, Curnier, Die, Dieulefit, Divajeu, Donzère, Échevis, Épinouze, Érôme, Espeluche, Espenel, Establet, Étoile-sur-Rhône, Eurre, Eygalayes, Eygaliers, Eygluy-Escoulin, Eymeux, Eyroles, Eyzahut, Fay-le-Clos, Félines-sur-Rimandoule, Ferrassières, Francillon-sur-Roubion, La Garde-Adhémar, Génissieux, Gervans, Geyssans, Gigors-et-Lozeron, Glandage, Le Grand-Serre, Grane, Les Granges-Gontardes, Granges-les-Beaumont, Grignan, Gumiane, Hauterives, Hostun, Izon-la-Bruisse, Jaillans, Jonchères, Laborel, Lachau, Lapeyrouse-Mornay, Larnage, La Laupie, Laval-d'Aix, Laveyron, Lemps, Lens-Lestang, Léoncel, Lesches-en-Diois, Livron-sur-Drôme, Loriol-sur-Drôme, Luc-en-Diois, Lus-la-Croix-Haute, Malataverne, Malissard, Manas, Manthes, Marches, Margès, Marignac-en-Diois, Marsanne, Marsaz, Menglon, Mercurol-Veaunes, Mérindol-les-Oliviers, Mévouillon, Mirabel-aux-Baronnies, Mirabel-et-Blacons, Mirmande, Miscon, Mollans-sur-Ouvèze, Montauban-sur-l'Ouvèze, Montaulieu, Montboucher-sur-Jabron, Montbrison-sur-Lez, Montbrun-les-Bains, Montchenu, Montclar-sur-Gervanne, Montéléger, Montélier, Montélimar, Montferrand-la-Fare, Montfroc, Montguers, Montjoux, Montjoyer, Montlaur-en-Diois, Montmaur-en-Diois, Montmeyran, Montmiral, Montoison, Montréal-les-Sources, Montségur-sur-Lauzon, Montvendre, Moras-en-Valloire, Mornans, La Motte-Chalancon, La Motte-Fanjas, Mours-Saint-Eusèbe, Nyons, Omblèze, Orcinas, Oriol-en-Royans, Ourches, Parnans, Le Pègue, Pelonne, Pennes-le-Sec, La Penne-sur-l'Ouvèze, Peyrins, Peyrus, Piégon, Piégros-la-Clastre, Pierrelatte, Pierrelongue, Les Pilles, Plaisians, Plan-de-Baix, Le Poët-Célard, Le Poët-en-Percip, Le Poët-Laval, Le Poët-Sigillat, Pommerol, Ponet-et-Saint-Auban, Ponsas, Pontaix, Pont-de-Barret, Pont-de-l'Isère, Portes-en-Valdaine, Portes-lès-Valence, Poyols, Pradelle, Les Prés, Propiac, Puygiron, Puy-Saint-Martin, Ratières, Réauville, Recoubeau-Jansac, Reilhanette, Rémuzat, La Répara-Auriples, Rimon-et-Savel, Rioms, Rochebaudin, Rochebrune, Rochechinard, La Roche-de-Glun, Rochefort-en-Valdaine, Rochefort-Samson, Rochefourchat, Rochegude, Roche-Saint-Secret-Béconne, La Roche-sur-Grane, La Roche-sur-le-Buis, La Rochette-du-Buis, Romans-sur-Isère, Romeyer, Rottier, Roussas, Rousset-les-Vignes, Roussieux, Roynac, Sahune, Saillans, Saint-Agnan-en-Vercors, Saint-Andéol, Saint-Auban-sur-l'Ouvèze, Saint-Avit, Saint-Bardoux, Saint-Barthélemy-de-Vals, Saint-Benoit-en-Diois, Saint-Christophe-et-le-Laris, Saint-Dizier-en-Diois, Saint-Donat-sur-l'Herbasse, Sainte-Croix, Sainte-Eulalie-en-Royans, Sainte-Euphémie-sur-Ouvèze, Sainte-Jalle, Saint-Ferréol-Trente-Pas, Saint-Gervais-sur-Roubion, Saint-Jean-de-Galaure, Saint-Jean-en-Royans, Saint-Julien-en-Quint, Saint-Julien-en-Vercors, Saint-Laurent-d'Onay, Saint-Laurent-en-Royans, Saint-Marcel-lès-Sauzet, Saint-Marcel-lès-Valence, Saint-Martin-d'Août, Saint-Martin-en-Vercors, Saint-Martin-le-Colonel, Saint-Maurice-sur-Eygues, Saint-May, Saint-Michel-sur-Savasse, Saint-Nazaire-en-Royans, Saint-Nazaire-le-Désert, Saint-Pantaléon-les-Vignes, Saint-Paul-lès-Romans, Saint-Paul-Trois-Châteaux, Saint-Rambert-d'Albon, Saint-Restitut, Saint-Roman, Saint-Sauveur-en-Diois, Saint-Sauveur-Gouvernet, Saint-Sorlin-en-Valloire, Saint-Thomas-en-Royans, Saint-Uze, Saint-Vallier, Saint-Vincent-la-Commanderie, Salettes, Salles-sous-Bois, Saou, Saulce-sur-Rhône, Sauzet, Savasse, Séderon, Serves-sur-Rhône, Solaure en Diois, Solérieux, Souspierre, Soyans, Suze, Suze-la-Rousse, Tain-l'Hermitage, Taulignan, Tersanne, Teyssières, Les Tonils, La Touche, Les Tourrettes, Triors, Truinas, Tulette, Upie, Vachères-en-Quint, Valaurie, Valdrôme, Valence, Valherbasse, Val-Maravel, Valouse, Vassieux-en-Vercors, Vaunaveys-la-Rochette, Venterol, Vercheny, Verclause, Vercoiran, Véronne, Vers-sur-Méouge, Vesc, Villebois-les-Pins, Villefranche-le-Château, Villeperdrix, Vinsobres u Volvent.

Unità ġeografika iżgħar "Comté de Grignan"

Għall-inbejjed bl-indikazzjoni ġeografika Drôme segwita mill-unità ġeografika iżgħar "Comté de Grignan", l-għeneb jinħasad fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin fid-dipartiment ta' Drôme:

Allan, Ambonil, La Baume-de-Transit, Bouchet, Chamaret, Chantemerle-lès-Grignan, Châteauneuf-du-Rhône, Clansayes, Cliousclat, Colonzelle, Donzère, La Garde-Adhémar, Les Granges-Gontardes, Grignan, Livron-sur-Drôme, Loriol-sur-Drôme, Malataverne, Mérindol-les-Oliviers, Mirabel-aux-Baronnies, Mirmande, Mollans-sur-Ouvèze, Montbrison-sur-Lez, Montjoyer, Montségur-sur-Lauzon, Nyons, Le Pègue, Piégon, Pierrelatte, Réauville, Roche-Saint-Secret-Béconne, Rochegude, Roussas, Rousset-les-Vignes, Saint-Maurice-sur-Eygues, Saint-Pantaléon-les-Vignes, Saint-Paul-Trois-Châteaux, Saint-Restitut, Salles-sous-Bois, Saulce-sur-Rhône, Solérieux, Suze-la-Rousse, Taulignan, Tulette, Valaurie, Venterol u Vinsobres.

Unità ġeografika iżgħar "Coteaux de Montélimar"

Għall-inbejjed bl-indikazzjoni ġeografika Drôme segwita mill-unità ġeografika iżgħar "Coteaux de Montélimar", l-għeneb jinħasad fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin fid-dipartiment ta' Drôme:

Aleyrac, Ancône, La Bâtie-Rolland, La Bégude-de-Mazenc, Bonlieu-sur-Roubion, Charols, Cléon-d'Andran, Comps, Condillac, La Coucourde, Dieulefit, Espeluche, Eyzahut, La Laupie, Manas, Marsanne, Montboucher-sur-Jabron, Montélimar, Montjoux, Orcinas, Le Poët-Laval, Pont-de-Barret, Portes-en-Valdaine, Puygiron, Rochebaudin, Rochefort-en-Valdaine, Roynac, Saint-Gervais-sur-Roubion, Saint-Marcel-lès-Sauzet, Salettes, Sauzet, Savasse, Souspierre, Teyssières, La Touche, Les Tourrettes u Vesc.

Inbid spumanti ta' kwalità

Il-ħsad tal-għeneb, il-produzzjoni tal-inbid u l-ipproċessar tal-inbejjed spumanti ta' kwalità bl-indikazzjoni ġeografika protetta Drôme jseħħu fid-dipartiment ta' Drôme, bl-eċċezzjoni tal-muniċipalitajiet li ġejjin:

Aix-en-Diois, Aouste-sur-Sye, Aubenasson, Aurel, Barsac, Barnave, Beaufort-sur-Gervanne, Châtillon-en-Diois, Die, Espenel, Laval-d'Aix, Luc-en-Diois, Menglon, Mirabel-et-Blacons, Molière-Glandaz, Montclar-sur-Gervanne, Montlaur-en-Diois, Montmaur-en-Diois, Piegros-la-Clastre, Ponet-et-Saint-Auban, Pontaix, Poyols, Recoubeau-Jansac, Saillans, Saint-Benoît-en-Diois, Saint-Roman, Saint-Sauveur-en-Diois, Sainte-Croix, Suze-sur-Crest, Vercheny u Véronne.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta kawżali mal-oriġini ġeografika hija bbażata fuq

☑ reputazzjoni

☑ kwalità nominali

☑ karatteristiċi oħra

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

1. Inbid

Sommarju tar-rabta

Speċifiċità taż-żona ġeografika

It-territorju tal-indikazzjoni ġeografika protetta Drôme għandu ġeografija varjata b'terren muntanjuż li jkopri kważi żewġ terzi tal-erja tas-superfiċje tiegħu. Fir-rotta arterjali tar-Rhône, fuq in-naħa tax-xellug tax-xmara, dan jestendi madwar 135 kilometru mit-Tramuntana san-Nofsinhar, u madwar 100 kilometru mil-Lvant sal-Punent.

Jista' jinqasam f'żewġ żoni ewlenin: il-meded tal-muntanji ta' qabel l-Alpini u d-dipressjoni tar-Rhône.

Hemm tliet fetħiet prinċipali li jħallu ż-żiffiet jidħlu: il-widien ta' Drôme fit-Tramuntana, u l-Eygues u l-Ouvèze fin-Nofsinhar. It-terren huwa pjuttost wieqaf u affettwat serjament mill-erożjoni minkejja li huwa ta' altitudni medja: 1 300 sa 1 500 m.

Storikament, id-dipartiment ta' Drôme kien jikkonsisti minn partijiet ta' dawk li qabel kienu l-provinċji Franċiżi ta' Provence u ta' Dauphiné.

L-agrikoltura, bil-produzzjoni diversifikata tagħha, hija attività essenzjali fiż-żona ta' Drôme.

Hija bbażata fuq azjendi tal-familja, ta' daqs medju ta' 31 ettaru, li jibqgħu sostenibbli bis-saħħa tad-diversifikazzjoni f'dan li ġej: il-forestrija, il-biedja mħallta, iż-żieragħ, l-imsaġar taż-żebbuġ, il-lavanda u l-pjanti aromatiċi, fost oħrajn. Madankollu, ċerti tipi ta' biedja, bħall-vitikultura, jinstabu prattikament fit-territorju kollu, speċjalment fuq ix-xaqlibiet u qiegħ l-għoljiet.

Ġeoloġija u ħamrija

Id-dipartiment ta' Drôme għandu ġeoloġija kompletament sedimentarja ffurmata bejn is-Sekondarju (Triassiku) u l-Kwaternarju. Id-depożiti alluvjali Kwaternarji huma żviluppati b'mod speċjali fil-wied ta' Rhône, fil-pjanura tal-Valence sal-konfluwenza ta' Isère, fil-wied ta' Roubion u fil-wied ta' Drôme.

Hemm tinstab ukoll ħamrija ġeblija taflija u tal-ġebla tal-ġir, kif ukoll saffi ġeblin fuq ix-xaqlibiet u l-għoljiet. Dawn jipprovdu lid-dwieli provvista regolari ta' ilma u, billejl, jirrilaxxaw is-sħana li tinħażen matul il-jum. Hemm ukoll ħamrija loess u ħamrija ramlija li l-provvista tal-ilma tagħhom hija aktar irregolari. Din il-varjetà wiesgħa ta' ħamrija tispjega l-multipliċità tal-varjetajiet ta' għeneb.

Klima

Il-klima ta' Drôme hija kontinentali fit-Tramuntana, u gradwalment issir Mediterranja fin-Nofsinhar ta' Valence. Iż-żewġ terzi tal-Lvant tad-dipartiment huma kkaratterizzati mill-influwenza tal-muntanji, speċjalment f'altitudnijiet ta' aktar minn 600 sa 700 m. Dawn l-influwenzi jistgħu jidhru fil-varjetà tal-klimi lokali.

Fit-Tramuntana ta' Valence, il-klima hija semikontinentali b'influwenza marittima. Fil-Lvant, fiż-żona ta' Vercors, hemm klima tal-muntanji b'influwenza marittima. Aktar lejn in-Nofsinhar, Diois jesperjenza bidla għal klima tal-muntanji aktar xotta soġġetta għal influwenza Mediterranja. Il-pjanura ta' Valence tirrappreżenta żona tranżizzjonali bejn il-klima semikontinentali u l-firxiet ta' barra ta' klima Mediterranja. Ix-xtiewi huma kesħin u s-sjuf sħan. L-effett tal-"foehn", flimkien mal-Mistral, jibda jinħass. Fin-Nofsinhar ta' Montélimar, il-klima ssir waħda Mediterranja ċara, bi sjuf sħan u xotti u preċipitazzjonijiet anqas regolari.

Ix-xita tibqa' pjuttost sinifikanti: madwar 850 mm għal postijiet fuq il-pjanura, inkluż fiż-żona tal-Mediterran. Ix-xita hija mqassma b'mod pjuttost uniformi matul it-12-il xahar tas-sena fit-Tramuntana tad-dipartiment. Madankollu, aktar lejn in-Nofsinhar, tkun aktar qawwija fil-ħarifa, u ssir skarsa fis-sajf. Hemm żewġ tipi ta'rjieħ ewlenin: il-Mistral mit-Tramuntana, u r-riħ mill-oċean min-Nofsinhar. Il-Mistral inixxef l-arja filwaqt li r-riħ mill-oċean iġib l-arja kalma u umda mill-Mediterran. Dawn l-irjieħ jirriżultaw mid-differenza fil-pressjoni atmosferika bejn ir-reġjuni tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar. Jistgħu jkunu b'saħħithom, speċjalment fil-Wied ta' Rhône, iżda huma ta' benefiċċju u meħtieġa biex jiżviluppaw id-dwieli.

Rabta kawżali

Hemm mesoklima karatteristika ta' fejn il-firxiet ta' barra ta' klima Mediterranja jittrasformaw fi klima semikontinentali. B'konsegwenza, il-varjetajiet tal-IĠP jitħawlu fi rqajja' li jinsabu fuq xaqlibiet medji jew aktar baxxi b'ħamrija skulata tajjeb u li tisħon malajr. Din is-sinerġija tippermetti li jiġu ppreservati l-aromi primarji tal-għeneb, u jiġu prodotti nbejjed friski kkaratterizzati jew mit-togħmiet ta' frott jew ta' fjuri tagħhom.

Il-fdalijiet arkeoloġiċi, u speċjalment l-iskoperta tal-anfori, jixhdu li l-vitikultura sawret il-pajsaġġ ta' Drôme sa mit-tieni seklu AD.

Id-"dielja Gallika" tal-Wied ta' Rhône kienet popolari ferm fuq l-imwejjed Rumani. Matul din l-era, il-foresti ġew deforestati u x-xaqlibiet tħawlu bid-dwieli, u għamlu dan ir-reġjun wieħed mill-isbaħ ta' Gaul.

Maż-żmien, id-diversità tar-reġjun ta' Drôme kienet titlob għażla ta' ħiliet u ta' varjetajiet ta' għeneb u, fuq kollox, adattament kostanti biex jittejjeb it-tħawwil tal-vinji fiż-żona filwaqt li tiġi rrispettata l-bijodiversità tagħha.

Bis-saħħa tat-tlaqqigħ tal-influwenzi klimatiċi semikontinentali u Mediterranji, l-inbejjed huma bilanċjati, bl-espressjoni aromatika u bil-freskezza karatteristiċi tal-inbejjed tal-IĠP Drôme.

L-identità tal-vitikultura taż-żona tal-IĠP Drôme hija msaħħa aktar mill-produzzjoni fit-tul tas-salvaġġi u tal-biċċiet maqtugħin.

Minn Tain l'Hermitage, fit-tarf tan-Nofsinhar tad-dipartiment, sa Diois sal-pjanura ta' Montélimar, il-kultura tal-vitikultura hija ankrata fid-drawwiet u fil-prattiki rurali. Barra minn hekk, il-vitikultura tokkupa t-tieni post wara l-forestrija fil-produttività ta' Drôme.

Madwar 35 000 ettolitru jiġu introdotti fis-suq kull sena fi Drôme, prodotti minn 100 stabbiliment tal-vitikultura, inklużi 63 kantina tal-inbid individwali.

L-identità unika tal-inbejjed tal-IĠP Drôme qed tikber bis-saħħa ta' sinerġija dejjem akbar bejn il-produzzjoni u l-bejgħ dirett tal-inbejjed mill-kantini, u l-gastronomija lokali, bosta festi u t-turiżmu rurali, speċjalment bir-rotot tal-inbid tiegħu. Ir-reputazzjoni tal-inbejjed tal-IĠP Drôme qed tissaħħaħ fost il-konsumaturi lokali permezz ta' avvenimenti inklużi fieri tal-inbid, bħas-"Salon des vins de Tain l'Hermitage" u l-pubblikazzjoni tal-gwida turistika aġġornata *Promenade Gourmande dans la Drôme* (Rotta Gastronomika madwar Drôme).

Fil-livell nazzjonali, l-inbejjed tal-IĠP Drôme jidhru fil-gwida tal-inbid Hachette u jirbħu medalji regolarment fil-Concours Général Agricole (Kompetizzjoni Agrikola Ġenerali) f'Pariġi.

Dan id-dinamiżmu kollu qed jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-reputazzjoni tal-inbejjed tal-IĠP Drôme kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak nazzjonali.

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

5. Inbid spumanti ta' kwalità

Sommarju tar-rabta

L-inbejjed spumanti ta' kwalità għandhom profili aromatiċi qrib ħafna tal-frott u espressjoni eleganti.

Hemm mesoklima karatteristika ta' fejn il-firxiet ta' barra ta' klima Mediterranja jittrasformaw fi klima semikontinentali. B'konsegwenza, il-varjetajiet tal-IĠP jitħawlu fi rqajja' li jinsabu fuq xaqlibiet medji jew aktar baxxi b'ħamrija skulata tajjeb u li tisħon malajr. Din is-sinerġija tippermetti li jiġu ppreservati l-aromi primarji tal-għeneb, u jiġu prodotti nbejjed friski kkaratterizzati jew mit-togħmiet ta' frott jew ta' fjuri tagħhom.

Il-fdalijiet arkeoloġiċi, u speċjalment l-iskoperta tal-anfori, jixhdu li l-vitikultura sawret il-pajsaġġ ta' Drôme sa mit-tieni seklu AD.

Id-"dielja Gallika" tal-Wied ta' Rhône kienet popolari ferm fuq l-imwejjed Rumani. Matul din l-era, il-foresti ġew deforestati u x-xaqlibiet tħawlu bid-dwieli, u għamlu dan ir-reġjun wieħed mill-isbaħ ta' Gaul.

Maż-żmien, id-diversità tar-reġjun ta' Drôme kienet titlob għażla ta' ħiliet u ta' varjetajiet ta' għeneb u, fuq kollox, adattament kostanti biex jittejjeb it-tħawwil tal-vinji fiż-żona filwaqt li tiġi rrispettata l-bijodiversità tagħha.

Bis-saħħa tat-tlaqqigħ tal-influwenzi klimatiċi semikontinentali u Mediterranji, l-inbejjed huma bilanċjati. L-inbejjed bla gass u spumanti ta' kwalità tal-IĠP Drôme għandhom freskezza karatteristika u espressjoni aromatika.

L-identità tal-vitikultura taż-żona tal-IĠP Drôme hija msaħħa aktar mill-produzzjoni fit-tul tas-salvaġġi u tal-biċċiet maqtugħin.

Minn Tain l'Hermitage, fit-tarf tan-Nofsinhar tad-dipartiment, sa Diois sal-pjanura ta' Montélimar, il-kultura tal-vitikultura hija ankrata fid-drawwiet u fil-prattiki rurali. Barra minn hekk, il-vitikultura tokkupa t-tieni post wara l-forestrija fil-produttività ta' Drôme.

Madwar 35 000 ettolitru jiġu introdotti fis-suq kull sena fl-IĠP Drôme, prodotti minn 100 stabbiliment tal-vitikultura, inklużi 63 kantina tal-inbid individwali.

L-identità unika tal-inbejjed tal-IĠP Drôme qed tikber bis-saħħa ta' sinerġija dejjem akbar bejn il-produzzjoni u l-bejgħ dirett tal-inbejjed mill-kantini, u l-gastronomija lokali, bosta festi u t-turiżmu rurali, speċjalment bir-rotot tal-inbid tiegħu. Ir-reputazzjoni tal-inbejjed tal-IĠP Drôme qed tissaħħaħ fost il-konsumaturi lokali permezz ta' avvenimenti inklużi fieri tal-inbid, bħas-"Salon des vins de Tain l'Hermitage" u l-pubblikazzjoni tal-gwida turistika aġġornata *Promenade Gourmande dans la Drôme* (Rotta Gastronomika madwar Drôme).

Fil-livell nazzjonali, l-inbejjed tal-IĠP Drôme jidhru fil-gwida tal-inbid Hachette u jirbħu medalji regolarment fil-Concours Général Agricole (Kompetizzjoni Agrikola Ġenerali) f'Pariġi.

Dan id-dinamiżmu kollu qed jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-reputazzjoni tal-inbejjed tal-IĠP Drôme kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak nazzjonali.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Tikkettar

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Il-logo tal-IĠP tal-Unjoni Ewropea jrid jidher fuq it-tikketta jekk il-kliem "indication géographique protégée" (Indikazzjoni Ġeografika Protetta) jiġi sostitwit bit-terminu tradizzjonali "Vin de Pays".

L-indikazzjoni ġeografika protetta Drôme tista' tiġi ssupplimentata bl-isem ta' varjetà waħda jew aktar ta' għeneb.

L-indikazzjoni ġeografika protetta Drôme tista' tiġi ssupplimentata bl-unitajiet ġeografiċi iżgħar li ġejjin: "Comté de Grignan", "Coteaux de Montélimar".

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Żona fil-prossimità immedjata

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Deroga li tikkonċerna l-produzzjoni fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Iż-żona fil-prossimità immedjata ddefinita b'deroga għall-produzzjoni u għall-iżvilupp tal-inbejjed bl-indikazzjoni ġeografika protetta Drôme, li jistgħu jiġu ssupplimentati jew le bl-isem ta' waħda mill-unitajiet ġeografiċi iżgħar imsemmija fil-punt 2, tinkludi d-distretti li jmissu maż-żona ġeografika, speċifikament il-muniċipalitajiet li ġejjin, irranġati skont id-dipartiment, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024:

Id-dipartiment ta' Alpes-de-Haute-Provence (04)

Aubenas-les-Alpes, Aubignosc, Authon, Banon, Bayons, Bellaffaire, Bevons, La Brillanne, Le Caire, Céreste-en-Luberon, Château-Arnoux-Saint-Auban, Châteaufort, Châteauneuf-Miravail, Châteauneuf-Val-Saint-Donat, Clamensane, Claret, Corbières-en-Provence, Cruis, Curbans, Curel, Dauphin, Entrepierres, L'Escale, Faucon-du-Caire, Fontienne, Forcalquier, Ganagobie, Gigors, L'Hospitalet, Lardiers, Limans, Lurs, Mallefougasse-Augès, Mane, Manosque, Melve, Mison, Montfort, Montfuron, Montjustin, Montlaux, Montsalier, La Motte-du-Caire, Nibles, Niozelles, Noyers-sur-Jabron, Les Omergues, Ongles, Oppedette, Peipin, Peyruis, Piégut, Pierrerue, Pierrevert, Redortiers, Reillanne, Revest-des-Brousses, Revest-du-Bion, Revest-Saint-Martin, La Rochegiron, Sainte-Croix-à-Lauze, Saint-Étienne-les-Orgues, Sainte-Tulle, Saint-Geniez, Saint-Maime, Saint-Martin-les-Eaux, Saint-Michel-l'Observatoire, Saint-Vincent-sur-Jabron, Salignac, Saumane, Sigonce, Sigoyer, Simiane-la-Rotonde, Sisteron, Sourribes, Thèze, Turriers, Vachères, Valavoire, Valbelle, Valernes, Vaumeilh, Venterol, Villemus, Villeneuve, Volonne u Volx.

Id-dipartiment ta' Haute-Alpes (05)

Ancelle, Aspremont, Aspres-lès-Corps, Aspres-sur-Buëch, Aubessagne, Avançon, Baratier, Barcillonnette, Barret-sur-Méouge, La Bâtie-Montsaléon, La Bâtie Neuve, La Bâtie-Vieille, La Beaume, Le Bersac, Bréziers, Buissard, Chabestan, Chabottes, Champoléon, Chanousse, La Chapelle-en-Valgaudémar, Châteauneuf-d'Oze, Châteauroux-les-Alpes, Châteauvieux, Chorges, Crévoux, Crots, Dévoluy, Embrun, Éourres, L'Épine, Esparron, Espinasses, Étoile-Saint-Cyrice, La Fare-en-Champsaur, La Faurie, Forest-Saint-Julien, Fouillouse, La Freissinouse, Furmeyer, Gap, Garde-Colombe, Le Glaizil, La Haute-Beaume, Jarjayes, Laragne-Montéglin, Lardier-et-Valença, Laye, Lazer, Lettret, Manteyer, Méreuil, Monêtier-Allemont, Montbrand, Montclus, Montgardin, Montjay, Montmaur, Montrond, La Motte-en-Champsaur, Moydans, Neffes, Nossage-et-Bénévent, Le Noyer, Orcières, Orpierre, Les Orres, Oze, Pelleautier, La Piarre, Le Poët, Poligny, Prunières, Puy-Saint-Eusèbe, Puy-Sanières, Rabou, Rambaud, Réallon, Remollon, Ribeyret, Rochebrune, La Roche-des-Arnauds, La Rochette, Rosans, Rousset, Saint-André-d'Embrun, Saint-André-de-Rosans, Saint-Apollinaire, Saint-Auban-d'Oze, Saint-Bonnet-en-Champsaur, Sainte-Colombe, Saint-Étienne-le-Laus, Saint-Firmin, Saint-Jacques-en-Valgodemard, Saint-Jean-Saint-Nicolas, Saint-Julien-en-Beauchêne, Saint-Julien-en-Champsaur, Saint-Laurent-du-Cros, Saint-Léger-les-Mélèzes, Saint-Maurice-en-Valgodemard, Saint-Michel-de-Chaillol, Saint-Pierre-Avez, Saint-Pierre-d'Argençon, Saint-Sauveur, Le Saix, Saléon, Salérans, La Saulce, Le Sauze-du-Lac, Savines-le-Lac, Savournon, Serres, Sigottier, Sigoyer, Sorbiers, Tallard, Théus, Trescléoux, Upaix, Val Buëch-Méouge, Valdoule, Valserres, Ventavon, Veynes, Villar-Loubière u Vitrolles.

Id-dipartiment ta' Ardèche (07)

Accons, Ajoux, Alba-la-Romaine, Albon-d'Ardèche, Alboussière, Alissas, Andance, Annonay, Arcens, Ardoix, Arlebosc, Arras-sur-Rhône, Aubignas, Baix, Beauchastel, Beauvène, Belsentes, Bidon, Boffres, Bogy, Borée, Boucieu-le-Roi, Boulieu-lès-Annonay, Bourg-Saint-Andéol, Bozas, Brossainc, Chalencon, Le Chambon, Champagne, Champis, Chanéac, Charmes-sur-Rhône, Charnas, Châteaubourg, Châteauneuf-de-Vernoux, Cheminas, Le Cheylard, Chomérac, Colombier-le-Cardinal, Colombier-le-Jeune, Colombier-le-Vieux, Cornas, Coux, Le Crestet, Creysseilles, Cruas, Davézieux, Désaignes, Devesset, Dornas, Dunière-sur-Eyrieux, Eclassan, Empurany, Étables, Félines, Flaviac, Freyssenet, Gilhac-et-Bruzac, Gilhoc-sur-Ormèze, Gluiras, Glun, Gourdon, Gras, Guilherand-Granges, Issamoulenc, Jaunac, Labatie-d'Andaure, Lachapelle-sous-Chanéac, Lafarre, Lalouvesc, Lamastre, Larnas, Lemps, Limony, Lyas, Marcols-les-Eaux, Mariac, Mars, Mauves, Meysse, Monestier, Nozières, Les Ollières-sur-Eyrieux, Ozon, Pailharès, Peaugres, Peyraud, Plats, Pourchères, Le Pouzin, Pranles, Préaux, Privas, Quintenas, Rochemaure, Rochepaule, Rochessauve, La Rochette, Roiffieux, Rompon, Saint-Agrève, Saint-Alban-d'Ay, Saint-Andéol-de-Fourchades, Saint-André-en-Vivarais, Saint-Apollinaire-de-Rias, Saint-Barthélemy-Grozon, Saint-Barthélemy-le-Meil, Saint-Barthélemy-le-Plain, Saint-Basile, Saint-Bauzile, Saint-Christol, Saint-Cierge-la-Serre, Saint-Cierge-sous-le-Cheylard, Saint-Clair, Saint-Clément, Saint-Cyr, Saint-Désirat, Saint-Étienne-de-Serre, Saint-Étienne-de-Valoux, Saint-Félicien, Saint-Fortunat-sur-Eyrieux, Saint-Genest-Lachamp, Saint-Georges-les-Bains, Saint-Jacques-d'Atticieux, Saint-Jean-Chambre, Saint-Jean-de-Muzols, Saint-Jean-Roure, Saint-Jeure-d'Andaure, Saint-Jeure-d'Ay, Saint-Julien-d'Intres, Saint-Julien-du-Gua, Saint-Julien-en-Saint-Alban, Saint-Julien-le-Roux, Saint-Julien-Vocance, Saint-Just-d'Ardèche, Saint-Lager-Bressac, Saint-Laurent-du-Pape, Saint-Marcel-d'Ardèche, Saint-Marcel-lès-Annonay, Saint-Martial, Saint-Martin-d'Ardèche, Saint-Martin-de-Valamas, Saint-Martin-sur-Lavezon, Saint-Maurice-en-Chalencon, Saint-Michel-d'Aurance, Saint-Michel-de-Chabrillanoux, Saint-Montan, Saint-Péray, Saint-Pierre-la-Roche, Saint-Pierre-sur-Doux, Saint-Pierreville, Saint-Priest, Saint-Prix, Saint-Remèze, Saint-Romain-d'Ay, Saint-Romain-de-Lerps, Saint-Sauveur-de-Montagut, Saint-Sylvestre, Saint-Symphorien-de-Mahun, Saint-Symphorien-sous-Chomérac, Saint-Thomé, Saint-Victor, Saint-Vincent-de-Barrès, Saint-Vincent-de-Durfort, Sarras, Satillieu, Savas, Sceautres, Sécheras, Serrières, Silhac, Soyons, Talencieux, Le Teil, Thorrenc, Toulaud, Tournon-sur-Rhône, Valvignères, Vanosc, Vaudevant, Vernosc-lès-Annonay, Vernoux-en-Vivarais, Veyras, Villevocance, Vinzieux, Vion, Viviers, Vocance u La Voulte-sur-Rhône.

Id-dipartiment ta' Isère (38)

Les Adrets, Agnin, L'Albenc, Allemond, Allevard, Ambel, Anjou, Anthon, Artas, Assieu, Auberives-en-Royans, Auberives-sur-Varèze, Auris, Autrans-Méaudre-en-Vercors, Avignonet, Barraux, Beaucroissant, Beaufin, Beaufort, Beaulieu, Beaurepaire, Beauvoir-de-Marc, Beauvoir-en-Royans, Bellegarde-Poussieu, Bernin, Besse, Bessins, Biviers, Bossieu, Bougé-Chambalud, Le Bourg-d'Oisans, Bressieux, Bresson, Brézins, Brié-et-Angonnes, Brion, La Buisse, La Buissière, Chalon, Champagnier, Champier, Le Champ-près-Froges, Champ-sur-Drac, Chamrousse, Chanas, Chantepérier, Chantesse, Chapareillan, La Chapelle-de-Surieu, La Chapelle-du-Bard, Charantonnay, Charnècles, Charvieu-Chavagneux, Chasselay, Chasse-sur-Rhône, Château-Bernard, Châtel-en-Trièves, Châtelus, Châtenay,

Châtonnay, Chatte, Chavanoz, Chevrières, Le Cheylas, Cheyssieu, Chichilianne, Chirens, Cholonge, Chonas-l'Amballan, Choranche, Chuzelles, Claix, Clavans-en-Haut-Oisans, Clelles, Clonas-sur-Varèze, Cognet, Cognin-les-Gorges, La Combe-de-Lancey, Corenc, Cornillon-en-Trièves, Corps, Corrençon-en-Vercors, La Côte-Saint-André, Les Côtes-d'Arey, Les Côtes-de-Corps, Coublevie, Cour-et-Buis, Cras, Crêts-en-Belledonne, Crolles, Culin, Les-Deux-Alpes, Diémoz, Domène, Échirolles, Engins, Entraigues, Entre-deux-Guiers, Estrablin, Eybens, Eyzin-Pinet, Faramans, La Flachère, Fontaine, Fontanil-Cornillon, La Forteresse, Le Freney-d'Oisans, La Frette, Froges, La Garde, Gières, Gillonnay, Goncelin, Grenay, Grenoble, Gresse-en-Vercors, Le Gua, Le Haut-Bréda, Herbeys, Heyrieux, Huez, Hurtières, Izeaux, Izeron, Janneyrias, Jarcieu, Jardin, Jarrie, Laffrey, Lalley, Lans-en-Vercors, Lavaldens, Laval-en-Belledonne, Lavars, Lentiol, Lieudieu, Livet-et-Gavet, Lumbin, Luzinay, Malleval-en-Vercors, Marcieu, Marcilloles, Marcollin, Marnans, Mayres-Savel, Mens, Meylan, Meyrieu-les-Étangs, Meyssiez, Miribel-Lanchâtre, Miribel-les-Échelles, Mizoën, Moidieu-Détourbe, Moirans, Moissieu-sur-Dolon, Monestier-d'Ambel, Monestier-de-Clermont, Monestier-du-Percy, Monsteroux-Milieu, Montagne, Montaud, Montbonnot-Saint-Martin, Montchaboud, Monteynard, Montfalcon, Mont-Saint-Martin, Montseveroux, Morette, La Morte, La Motte-d'Aveillans, La Motte-Saint-Martin, Mottier, Le Moutaret, La Mure, La Murette, Murianette, Murinais, Nantes-en-Ratier, Notre-Dame-de-Commiers, Notre-Dame-de-l'Osier, Notre-Dame-de-Mésage, Notre-Dame-de-Vaulx, Noyarey, Oris-en-Rattier, Ornacieux-Balbins, Ornon, Oulles, Oytier-Saint-Oblas, Oz, Pact, Pajay, Le Péage-de-Roussillon, Pellafol, Penol, Percy, La Pierre, Pierre-Châtel, Pisieu, Plan, Plateau-des-Petites-Roches, Poisat, Poliénas, Pommier-de-Beaurepaire, Ponsonnas, Pontcharra, Pont-de-Chéruy, Le Pont-de-Claix, Pont-en-Royans, Pont-Évêque, Portes-des-Bonnevaux, Prébois, Presles, Primarette, Proveysieux, Prunières, Quaix-en-Chartreuse, Quet-en-Beaumont, Quincieu, Réaumont, Renage, Rencurel, Revel, Revel-Tourdan, Reventin-Vaugris, Rives, La Rivière, Les Roches-de-Condrieu, Roissard, Roussillon, Rovon, Royas, Roybon, Sablons, Saint-Antoine-l'Abbaye, Saint-Agnin-sur-Bion, Saint-Alban-du-Rhône, Saint-Andéol, Saint-André-en-Royans, Saint-Appolinard, Saint-Arey, Saint-Aupre, Saint-Barthélémy, Saint-Barthélemy-de-Séchilienne, Saint-Baudille-et-Pipet, Saint-Blaise-du-Buis, Saint-Bonnet-de-Chavagne, Saint-Cassien, Saint-Christophe-en-Oisans, Saint-Christophe-sur-Guiers, Saint-Clair-du-Rhône, Saint-Clair-sur-Galaure, Sainte-Agnès, Sainte-Anne-sur-Gervonde, Saint-Égrève, Sainte-Luce, Sainte-Marie-d'Alloix, Sainte-Marie-du-Mont, Saint-Étienne-de-Crossey, Saint-Étienne-de-Saint-Geoirs, Saint-Geoirs, Saint-Georges-de-Commiers, Saint-Georges-d'Espéranche, Saint-Gervais, Saint-Guillaume, Saint-Hilaire-de-la-Côte, Saint-Hilaire-du-Rosier, Saint-Honoré, Saint-Ismier, Saint-Jean-de-Bournay, Saint-Jean-de-Moirans, Saint-Jean-de-Vaulx, Saint-Jean-d'Hérans, Saint-Jean-le-Vieux, Saint-Joseph-de-Rivière, Saint-Julien-de-l'Herms, Saint-Just-Chaleyssin, Saint-Just-de-Claix, Saint-Lattier, Saint-Laurent-du-Pont, Saint-Laurent-en-Beaumont, Saint-Marcellin, Saint-Martin-de-Clelles, Saint-Martin-de-la-Cluze, Saint-Martin-d'Hères, Saint-Martin-d'Uriage, Saint-Martin-le-Vinoux, Saint-Maurice-en-Trièves, Saint-Maurice-l'Exil, Saint-Maximin, Saint-Michel-de-Saint-Geoirs, Saint-Michel-en-Beaumont, Saint-Michel-les-Portes, Saint-Mury-Monteymond, Saint-Nazaire-les-Eymes, Saint-Nicolas-de-Macherin, Saint-Nizier-du-Moucherotte, Saint-Paul-de-Varces, Saint-Paul-d'Izeaux, Saint-Paul-lès-Monestier, Saint-Pierre-de-Bressieux, Saint-Pierre-de-Chartreuse, Saint-Pierre-de-Chérennes, Saint-Pierre-de-Méaroz, Saint-Pierre-de-Mésage, Saint-Pierre-d'Entremont, Saint-Prim, Saint-Quentin-sur-Isère, Saint-Romain-de-Surieu, Saint-Romans, Saint-Sauveur, Saint-Siméon-de-Bressieux, Saint-Sorlin-de-Vienne, Saint-Théoffrey, Saint-Vérand, Saint-Vincent-de-Mercuze, Salaise-sur-Sanne, La Salette-Fallavaux, La Salle-en-Beaumont, Le Sappey-en-Chartreuse, Sarcenas, Sardieu, Sassenage, Savas-Mépin, Séchilienne, Septème, Serpaize, Serre-Nerpol, Seyssinet-Pariset, Seyssins, Seyssuel, Siévoz, Sillans, Sinard, La Sône, Sonnay, Sousville, La-Sure-en-Chartreuse, Susville, Têche, Tencin, La Terrasse, Theys, Thodure, Le Touvet, Tramolé, Treffort, Tréminis, La Tronche, Tullins, Valbonnais, Valencin, La Valette, Valjouffrey, Varacieux, Varces-Allières-et-Risset, Vatilieu, Vaujany, Vaulnaveys-le-Bas, Vaulnaveys-le-Haut, Venon, Vernioz, Le Versoud, Veurey-Voroize, Vienne, Vif, Villard-Bonnot, Villard-de-Lans, Villard-Notre-Dame, Villard-Reculas, Villard-Reymond, Villard-Saint-Christophe, Villeneuve-de-Marc, Ville-sous-Anjou, Villette-d'Anthon, Villette-de-Vienne, Vinay, Viriville, Vizille, Voiron, Voreppe u Vourey.

Il-muniċipalitajiet inklużi biss parzjalment:

Eclose-Badinières — il-parti li tikkorrisponi għat-territorju tal-eks muniċipalità ta' Eclose.

Id-dipartiment ta' Vaucluse (84)

Althen-des-Paluds, Aubignan, Aurel, Avignon, Le Barroux, Le Beaucet, Beaumes-de-Venise, Beaumont-du-Ventoux, Bédarrides, Bédoin, Blauvac, Bollène, Brantes, Buisson, Cabrières-d'Avignon, Caderousse, Cairanne, Camaret-sur-Aigues, Caromb, Carpentras, Châteauneuf-de-Gadagne, Châteauneuf-du-Pape, Courthézon, Crestet, Crillon-le-Brave, Entraigues-sur-la-Sorgue, Entrechaux, Faucon, Flassan, Fontaine-de-Vaucluse, Gigondas, Grillon, Jonquerettes, Jonquières, Lafare, Lagarde-Paréol, Lagnes, Lamotte-du-Rhône, Lapalud, L'Isle-sur-la-Sorgue, Loriol-du-Comtat, Malaucène, Malemort-du-Comtat, Mazan, Méthamis, Modène, Mondragon, Monieux, Monteux, Morières-lès-Avignon, Mormoiron, Mornas, Orange, Pernes-les-Fontaines, Piolenc, Le Pontet, Puyméras, Rasteau, Richerenches, Roaix, La Roque-Alric, La Roque-sur-Pernes, Sablet, Saint-Christol, Saint-Didier, Sainte-Cécile-les-Vignes, Saint-Hippolyte-le-Graveyron, Saint-Léger-du-Ventoux, Saint-Marcellin-lès-Vaison, Saint-Pierre-de-Vassols, Saint-Romain-en-Viennois, Saint-Roman-de-Malegarde, Saint-Saturnin-lès-Avignon, Saint-Trinit, Sarrians, Sault, Saumane-de-Vaucluse, Savoillan, Séguret, Sérignan-du-Comtat, Sorgues, Suzette, Le Thor, Travaillan, Uchaux, Vacqueyras, Vaison-la-Romaine, Valréas, Vedène, Velleron, Venasque, Villedieu, Villes-sur-Auzon, Violès u Visan.

Inbid spumanti ta' kwalità

Iż-żona fil-prossimità immedjata ddefinita b'deroga għall-produzzjoni u għall-iżvilupp tal-inbejjed spumanti ta' kwalità bl-indikazzjoni ġeografika protetta Drôme, li jistgħu jiġu ssupplimentati jew le bl-isem ta' waħda mill-unitajiet ġeografiċi iżgħar imsemmija fil-punt 2, tinkludi d-distretti li jmissu mad-dipartiment ta' Drôme:

— fit-Tramuntana u fil-Grigal, id-distretti ta' Grenoble u ta' Vienne li jinsabu fid-dipartiment ta' Isère;

— fil-Lvant, id-distrett ta' Gap, li jinsab fid-dipartiment ta' Hautes Alpes;

— fix-Xlokk, id-distrett ta' Forcalquier, li jinsab fid-dipartiment ta' Alpes de Haute-Provence;

— fin-Nofsinhar, id-distretti ta' Carpentras u ta' Avignon, li jinsabu fid-dipartiment ta' Vaucluse;

— fil-Punent, id-distretti ta' Privas u ta' Tournon-sur-Rhône, li jinsabu fid-dipartiment ta' Ardèche.

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/boagri/document_administratif-7cf3f205-5666-43ed-bda8-ced29bcd5541